MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 827/2005

**Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Felix Muscat u Rita Muscat ghal kull interess li jista' jkollha, u Anthony Agius u Maria Dolores Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sittax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm216.33) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21802485 (ac40007352). Illi interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti Agius prezentata fis-27 ta' April, 2005 fejn intqal:**

**i. Illi preliminarjament il-konvenuti Agius m'humiex il-legittimi kontraditturi f'dina l-kawza stante illi b'effett mill-20 ta' Awissu, 2002 in-numru tat-telefon 21802485 ghadda f'idejn il-konvenut l-iehor Felix Muscat – u dana skond kif jirrizulta ampjament mill-kuntratt ezebit mill-istess socjeta` attrici ma' l-avviz taghha bhala Dok.C.**
**ii. Illi sad-data tal-kuntratt in kwistjoni, u cioe` l-20 ta' Awissu, 2002, il-konvenut Anthony Agius kien hallas kwalunkwe soma illi setghet qatt kienet dovuta minnu lis-socjeta` attrici fir-rigward tal-linja telefonika bin-numru 21802485, u dana skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok.X u Dok.Y.**
**iii. Illi inoltre, il-kontijiet pendenti elenkati fil-prospett (Dok.A) ezebit mis-socjeta` attrici, kollha kemm huma jirreferu ghall-perijodu ta' wara t-23 t'Awissu, 2002, u kwindi ghall-perijodu meta l-konvenuti Agius ma kellhomx x'jaqsmu mal-linja telefonika in kwistjoni.**
**iv. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenuti Agius, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, u dana stante illi l-ammonti mitluba mis-socjeta` attrici m'humiex dovuti mill-konvenuti Agius, izda se mai huma dovuti mill-konvenut l-iehor Muscat, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti Muscat prezentata fit-28 ta' April, 2005 fejn intqal illi t-talba attrici qed tigi kontestata ghas-segwenti ragunijiet:**
**a. Illi il-konvenuti Muscat m'humiex il-legittimi kontraditturi stante illi huma qatt ma dahlu f'xi ftehim jew obbligaw ruhhom mas-socjeta` attrici Maltacom.**
**b. Illi sakemm dam kerrej tal-fond Aussie Bar il-konvenut Muscat kif kien obbligat ma' Agius, dejjem hallas tas-servizzi kollha fil-fond minghajr ma qaleb ir-registrazzjoni fuq ismu skond il-ftehim.**
**c. Illi bla pregudizzju ghal ta' fuq, huwa dam kerrej biss ghal sitt xhur u ttermina l-kirja fit-23 ta'**

**Frar, 2003, u qatt ma kien dovut ihallas ghal aktar minn hekk.**
**d. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Agius, Paul Busuttil, Joseph Aquilina, Felix Musact u Kathleen Muscat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kont ta' telephone pendenti fuq il-fond Aussie Bar, Zejtun.**
**2. Mil provi jirrizulta illi s-socjeta attrici fl-20 ta' Awissu, 2002, kienet tghat il-linja tat-telephone lil Anthony Agius. Illi skond ma jirrizulta mid-Dok B kien qed jiffirma ghan-nom ta' Felix Muscat.**
**3. Fil-fatt mid-dokument a fol 5 tal-process jirrizulta illi Anthony Agius kien qed icedi s-servizz lil Felix Muscat.**
**4. Skond id-dokument C esebit, li hija skrittura datata 20 ta' Awissu, 2002, Felix Muscat obbliga ruhu illi b'effett mid-19 ta' Awissu, 2002, jhallas il-kontijiet tat-telephone li jgib in-numru 21802485.**
**5. Skond skrittura datata 16 ta' Awissu, 2002, Anthony Agius kera l-fond Aussie Bar lil Felix Muscat u fl-imsemmija skrittura, paragrafu 11 jipprovdi illi t-telephone huwa a karigu tal-inkwilin.**
**6. Jirrizulta minn skrittura datata 17 ta' Frar, 2003, bejn l-istess Agius u Muscat illi tterminaw il-lokazzjoni tal-fond Aussie Bar u fiha ddikjaraw li ma ghandhom ebda dritt jew pretenzjoni kontra xulxin.**
**7. It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-kontijiet f'din il-kawza jirrigwardaw il-perjodu mit-23 ta' Awissu, 2002 sat-18 ta' Marzu, 2004.**
**8. Qed jigi nnutat ukoll illi l-konvenut Agius kien mar ghand is-socjeta' attrici u talab li jhallas il-kontijiet pendenti sa meta bdiet il-lokazzjoni. Huwa jghid ukoll illi l-kontijiet kien jircevihom Muscat, cioe' kienu jigu d-dar tieghu u ndirizzati lil Muscat, hu kien jghaddihomlu sabiex Muscat ihallshom. Agius issostni li l-kontijiet ma kienx jiftahom.**

**9. Il-konvenut Agius jghid li l-posta kien jirceviha d-dar indirizzata Aussie Bar, Felix Muscat, jghid ukoll illi hu kera l-fond lil Joe Aquilina fil-bidu ta' Marzu, 2003.**

**10. Bint Felix Muscat, Kathleen Muscat qalet li Agius gieli mar il-bar pero' kien imur biex jithallas il-kera u kien igib il-kontijiet tat-telephone.**

**11. Mix-xhiedt mismugha jirrizulta ampjament pruvat illi r-responsabilita' tal-hlas tal-kontijiet kien jghajjat lil Felix Muscat. Kien Muscat li ffirma l-obbligazzjoni li tirrizulta a fol 6 tal-process. Jirrizulta illi Muscat ma attenix ruhu ma dak li kien stipulat fil-kawzola 11 tal-ftehim ta' lokazzjoni.**

**12. Ghalhekk l-ammont huwa dovut minn Felix Muscat b'kull dritt sic et quatenus kontra terzi jekk jidhirlu li hu l-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u filwaqt illi jilibera lill-konvenuti Anthony Agius, Maria Dolores Agius mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundana lill-konvenuti Felix Muscat u Rita Muscat ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm216.33), bl-imghaxijiet legali dekkoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Muscat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------